MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tas-26 ta' Frar, 2009

Numru. 95/2009

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR ANGELO GAFA**

**KONTRA**

**HENRY ANTHONY XUEREB**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Henry Anthony Xuereb ta' 67 sena, bin Walter u Winifred nee' Gatt, mwieled Rabat nhar l- 1 ta' Settembru 1941, residenti fil- fond 10/26, Triq Sir George Borg, Sliema u detentur tal- Karta tal- Identita' bin- numru 568541(M);

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli f'dawn il- Gzejjer, bejn ix- xahar ta' Gunju 2008 u Settembru 2008, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l- istess disposizzjoni tal- Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, approprja ruhu, billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu li jgib mieghu l- obbligu tar- radd tal- haga jew li jsir uzu minnha specifikat, u cioe' ha u zamm ghandu l-ammonta ta' hmistax- il elf u hamsin Ewro (€15,050) ghad- dannu ta' Joseph Camilleri u Nazzarena Mifsud, Albert Balzan u Maria Emilia Balzan u l- Onor. Dr. Vincent Moran MD MP u Rosalie Borg, liema flus kienu gew fdati jew ikkunsinnati lilu minhabba l- professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu, jew minhabba depozitu necessarju.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri f'dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnhu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi sabiex jikkonsidra sew din l-ammissjoni.

Rat illi, ai termini tad-disposizzjonijiet tal-artikolu 392A, bl-ammissjoni tal-imputat fl-istadju tal-esami, din il-Qorti giet ikkonvertita minn wahda Struttorja ghal wahda ta' Gudikatura Kriminali, u ghalhekk setghet tghaddi biex taghti s-sentenza minnufih;

**Ikkunsidrat:**

Illi in vista tal-ammissjoni bikrija tal-imputat, din il-Qorti sejra ssib htija fih u tghaddi biex tikkonsidra s-sentenza. L-ammissjoni hija rispekkjata fl-istqarrija tal-imputat, moghtija minnu fil-31 ta' Ottubru, 2008. Fl-istess stqarrija hu jiddikjara li lest ihallas lura dawn il-flus lill-persuni indikati fit-tahrika, haga li l-imputat ikkonferma ukoll fil-verbal ta' llum. Minkejja dan, pero' il-Qorti hi tal-fehma li ma tistax toqghod biss fuq il-kelma tal-imputat, izda ghandha tassigura li hu effettivament ihallas lura dawn il-flus indikati, u fi zmien ragonevoli. Ghalhekk il-Qorti sejra taghti sentenza ta' prigunerija sospiza, flimkien ma' ordni ghall-hlas ai termini tal-Artikolu 28H tal-Kap 9.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 18, 293, 294, 310 (1) (a) tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta.

Fuq ammissjoni din il- Qorti qed issib lil imsemmi imputat hati u ghaldaqstant tikkundannah sena prigunerija sospiza ghal tlett (3) snin ai terminu tal- Artikolu 28 A tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta.

Tordna lill imputat ihallas is-somma ta' hmistax- il elf u hamsin Ewro (€15,050) lill- persuni indikati fi zmien sitt (6) xhur ai terminu tal- Artikolu 28 H tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta.

Il- Qorti spjegat il- portata tas-sentenza lill- imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------